MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2008

Mandat Numru. 1627/2008/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1627/2008 fl-ismijiet:-**

**Carmelo Scicluna iben Antonio u Agnes nee' Scicluna imwieled u residenti Zebbug (KI 74262 M).**

**vs.**

**David Mallia (KI 374672 M).**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tar-rikorrenti datat 17 ta' Ottubru 2008 a fol. 1 tal-process fejn ir-rikorrenti talab li l-intimat jigi inibit milli jaghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni ta' bini ta' diversi servitujiet li tgawdi l-proprjeta' tar-rikorrenti fosthom dritt t'arja, dawl u

prospett u access fuq diversi twieqi u illi bil-kostruzzjoni mibdija qed jinghalqu t-twieqi u dawl tal-istess kollox kif indikat fl-istess rikors.

Rat id-digriet datat 17 ta' Ottubru 2008 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2008, u ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta datata 29 ta' Ottubru 2008 fejn peress li l-intimat baqa' mhux notifikat, ir-rikors gie differit ghan-notifika tal-intimat wara l-hinijiet legali u fin-nuqqas ta' riferta positiva skond l-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.**

Rat ir-rikors datat 10 ta' Novembru 2008 li gie milqugh b'digriet datat 11 ta' Novembru 2008.

Rat il-verbali tas-seduti tat-12 ta' Novembru 2008 u 13 ta' Novembru 2008 fejn l-intimat baqa' mhux notifikat u ma jidhirx li saret il-procedura rikjesta ghan-notifika tal-intimat permezz tad-disposizzjonijiet tal- **artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jigi inibit milli jaghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni kif indikat fl-istess rikors, liema rikors gie pprezentat fis-17 ta' Ottubru 2008 u peress li jidher li l-istess intimat ma giex notifikat u dan ir-rikors ghandu jigi deciz mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-prezentata tal-istess (**artikolu 875 (3) tal-Kap. 12)**, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tichad it-talba tar-rikorrenti ghaliex l-istess rikors baqa' ma giex notifikat lill-intimat.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru 2008 fejn kienet giet milqugha t-talba tar-rikorrenti b'mod provisorju, **tichad it-talba tar-rikorrenti fir-rikors tieghu datat 17 ta' Ottubru 2008 ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati,** *stante* li l-istess rikors baqa' ma giex notifikat lill-intimat bil-konsegwenzi ndikati f'dan il-provediment.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------